MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Avviz Numru. 242/2011

**Frutti di Mare Company Limited (C20089)**

**Vs**

**Rennie Stivala u Dinah Stivala**
**( Karti ta’ l-Identità bin-Numri 52093M u 94882M rispettivament)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mis-socjetà Frutti di Mare Company Limited fis-26 ta’ Lulju 2011, permezz ta’ liema titlob li l-konvenuti jew min minnhom, jigu kkundannati jhallasuha s-somma ta’ tmint elef mija u erbgha u sebghin Euro u sbatax-il centezmu (€8,174.17) rapprezentanti il-valur tal-hut frisk u ffrizat mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuti mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu taghhom stess, hekk kif jidher mill-kont anness mar-Rikors promotur markat bhala Dok. “A”, u kif konfermat mill-konvenuti bl-iskrittura privata iffirmata ffirmata minnhom annessa mar-

Rikors promotur markata Dok. “B”, bl-imghax legali skond il-Ligi dekoribbli sad-data tal-hlas u bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dokumenti mmarkati bhala Dok. “A” u Dok. “B” annessi mar-Rikors promotur;

Rat illi l-konvenuti ghalkemm debitament notifikati bir-Rikors tas-socjetà attrici u bl-Avviz tas-smigh permezz tal-procedura ta’ l-affissjoni u pubblikazzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 187(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, naqsu milli jipprezentaw Risposta ghat-talbiet attrici u ma dehrux ghas-seduti ffissati minn din il-Qorti;

Rat il-Kapitolu pprezentat mis-socjetà attrici fil-konfront tal-konvenuti fil-5 ta’ Dicembru 2011;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna s-socjeta’ attrici titlob lill-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallasuha s-somma ta’ tmient elef mija u erbgha u sebghin Euro u sbatax-il centezmu (€8,174.17) rapprezentanti l-valur ta’ hut frisk u ffrizat minnha mibjugh u konsenjat lilhom fuq inkarigu taghhom stess.

Il-konvenuti ghalkemm debitament notifikati bir-Rikors tas-socjetà attrici u bl-Avviz tas-Smigh ma pprezentawx Risposta in opposizzjoni ghat-talbiet attrici u lanqas deheru ghas-seduti ffissati mill-Qorti. In oltre l-istess konvenuti ma dehrux biex jirrispondu ghall-Kapitolu pprezentat fil-konfront taghhom mis-socjetà attrici u ghaldaqstant tali Kapitolu ghandu jittiehed bhala mistqarr.

L-ammont pretiz mis-socjetà attrici jirrizulta konfermat kemm mill-kont esebit mill-istess socjetà bhala Dok. “A” flimkien mar-Rikors promotur kif ukoll mill-iskrittura privata esebita mis-socjetà bhala Dok. “B” ukoll flimkien mar-Rikors promotur.

L-iskrittura privata msemmija datata 9 ta’ Lulju 2010, effettivament tikkostitwixxi kostituzzjoni ta’ debitu da parte tal-konvenuti fil-konfront tas-socjetà attrici fl-ammont ta’ €8,174.17 rapprezentanti l-valur ta’ *products sold to him by the seller over a period of time* u minnha jirrizultaw il-kondizzjonijiet li kienu gew stipulati ghall-hlas, ossia: *(a) on the sale of Flat no.1, situated at Flowerpark, Block C, Triq in-Nadur, Marsascala; (b) if such sale does not materialize by the end of September 2010, then the buyer accepts to commence a repayment program of Eur200 (two hundred Euro) per week as from the fourth October two thousand and ten and every seven days thereafter until such time as the sum due, mentioned in 1 above, is paid in full.*

B’hekk it-terminu assolut koncess lill-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ €8,174.17 bis-sahha tal-klawsola 2(b) ta’ l-imsemmija skrittura kien sal-11 ta’ Lulju 2011, liema hlas però baqa’ ma sarx tant illi fis-26 ta’ Lulju 2011 gew istitwiti l-proceduri odjerni.

Il-Qorti ghalhekk hija sodisfatta li l-konvenuti huma debituri tas-socjetà attrici fis-somma ta’ €8,174.17 u ghaldaqstant it-talba taghha tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dan ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti, flimkien u solidalment bejniethom, ihallsu lis-socjetà attrici s-somma ta’ €8,174.17, bl-imghax legali dekoribbli mill-11 ta’ Lulju 2011 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------